MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1071/2013

**BIEB BIEB ENTERPRISES LIMITED (C – 25882)**

vs

Victor E. **MIZZI** bħala eredi tal-mejjet John Anthony Mizzi

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment dwar is-siwi ta' Tweġiba Maħlufa mressqa fis-6 ta' Frar, 2014[1], biex tirribatti talbiet magħmulin mill-kumpannija attriċi fl-atti ta' Rikors Maħluf imressaq minnha fit-8 ta' Novembru, 2013, u li bih u

[1] Paġġ. 17 sa 20 tal-proċess

għar-raġunijiet hemm imfissra, l-istess kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek, bħala werriet ta' John Anthony Mizzi, jaħti lejha għad-danni li hija ġarrbet b'riżultat tat-tħassir qabel waqtu ta' kuntratt li l-istess kumpannija attriċi kellha mal-kumpannija Media Maker Limited dwar sensiela ta' pubblikazzjonijiet ta' supplimenti fil-ħarġiet tal-ġurnal *The Times* taħt it-titolu "*Malta at War*" u b'riżultat tar-riżenja ta' missier l-istess attur minn impjegat tal-kumpannija attriċi u ż-żamma arbitrarja min-naħa tiegħu tal-materjal li kien maħsub li jintuża fil-pubblikazzjonijiet imsemmija; (b) tillikwida d-danni mġarrbin minnha minħabba dan l-egħmil; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrek iħallasha d-danni hekk likwidati;

Illi l-ewwel tentativi ta' notifika lill-imħarrek u lill-avukat tiegħu Dottor Tonio Azzopardi f'Malta ma kellhomx eżitu pożittiv[2], u f'Jannar tal-2014 intalbet in-notifika tal-imħarrek f'indirizz tiegħu fir-Renju Unit, liema notifika jidher li saret aktar tard dak l-istess xahar[3];

Fis-6 ta' Frar, 2014, tressqet Tweġiba Maħlufa li biha l-imħarrek laqa'billi ċaħad li huwa jaħti b'xi mod għal xi danni li l-kumpannija attriċi tgħid li ġarrbet u jwaħħal fl-istess kumpannija attriċi li ġabet dan kollu fuqha b'idejha stess. Żied jgħid li din l-azzjoni ma hi xejn iżjed minn ripensament min-naħa tal-kumpannija attriċi għal azzjoni li kien fetħilha missieru[4] żmien qabel u li fiha kien xliha bi ksur ta' ftehim. Qal ukoll li ma kienx jagħmel aktar sens li l-kumpannija attriċi tippretendi danni mingħand missieru issa li missieru kien miet;

L-imsemmi att ġudizzjarju tressaq minn Prokuratur Legali;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-27 ta' Mejju, 2014[5], li bih din il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet u l-avukati tagħhom għall-fatt li t-Tweġiba mressqa f'isem l-imħarrek ma kenitx maħlufa u ordnat li jitressqu provi dwar dan l-episodju qabel ma tara jekk għandhiex tordna t-tneħħija tal-istess att ġudizzjarju mill-atti tal-kawża. Ordnat ukoll il-komunika lid-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali. Fl-istess verbal, l-għaref difensur tal-imħarrek iddikjara li fis-6 ta' Frar, 2014, hu kien fir-reġistru u l-patroċinat tiegħu ħalef it-Tweġiba tiegħu u dan għamlu wkoll fil-preżenza ta' persuna oħra;

Illi b'Nota mressqa fit-18 ta' Ġunju, 2014[6], li biha ta l-fehma tiegħu dwar x'seta' ġara meta tressaq l-imsemmi att ġudizzjarju;

---

2 Paġġ. 8 *tergo* u 10 tal-proċess
3 Paġġ. 12 *tergo* u 13 tal-proċess
4 Rik. Nru. 1157/12AF
5 Paġ. 25 tal-proċess
6 Paġ. 27 tal-proċess

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet dwar dan l-episodju;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Frar, 2015, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment dwar is-siwi tar-Risposta mressqa mill-imħarrek;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-kwestjoni li din il-Qorti trid tistħarreġ hija dwar jekk it-Tweġiba mressqa fis-6 ta' Frar, 2014, tiswiex u jekk jirriżultax li din kienet inħalfet meta tressqet. Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-ewwel stħarriġ irid imur dwar iċ-ċirkostanzi tat-teħid tal-ġurament, għaliex is-siwi ta' att bħal dak huwa marbut mal-fatt tal-għoti tal-ġurament[7]. Jekk ma jintweriex li tabilħaqq kien ingħata l-ġurament, l-att jiġi ma jiswiex u n-nullita' tiegħu tkun oġġettivament assoluta[8] u jkun irid jitneħħa mill-atti tal-kawża;

Illi mill-provi rilevanti għal din il-kwestjoni li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-imħarrek jgħix barra minn Malta. In-notifika formali lilu tal-att promotur ta' din il-kawża sar bil-mezz tal-posta reġistrata f'indirizz li l-kumpannija attriċi indikat wara li t-tentativ li ssir in-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf f'Malta, kemm kontra l-imħarrek u kif ukoll kontra l-avukat tiegħu, ma kenux ħallew eżitu;

Illi mix-xhieda mressqa, l-avukat Tonio Azzopardi qal li hu kien ħejja t-Tweġiba li kellha titressaq u mar ir-reġistru tal-Qorti kemm mal-imħarrek, ma' iben l-imħarrek u wkoll ma' n-Nutar Joseph Henry Saydon, li dak iż-żmien kien tqabbad li jieħu ħsieb it-tmexxija tal-affarijiet marbuta mal-wirt ta' missier l-imħarrek. L-avukat Azzopardi huwa kategoriku li l-imħarrek ingħata l-ġurament wara li wera dokument li jidentifikah. Il-ġurament ingħata minn uffiċjal fir-Reġistru tal-Qorti – id-Deputat Reġistratur Anġelo Buttiġieġ – u wara l-att tressaq lill-attwarji mill-Prokuratur Legali – Edgar Montanaro – li mexxa l-att kif is-soltu jsir[9];

---

[7] Art. 158(4) tal-Kap 12
[8] Art. 789(1)(d) tal-Kap 12
[9] Xhieda ta' Dr Tonio Azzopardi 19.6.2014, f'paġġ. 29 – 31 tal-proċess

Illi huwa fatt li l-att ġudizzjarju baqa' ma sarlu fuqu l-ebda timbru li jixhed li kien ingħata l-ġurament lill-persuna li kienet qiegħda tressqu u lanqas tagħrif dwar l-identita' tal-persuna li suppost ħalfitu;

Illi n-Nutar Joseph Henry Saydon kien ċert li kien mar mal-imħarrek fir-Reġistru tal-Qorti fi Frar tal-2014 u li ra lil dan jingħata ġurament meta tressaq l-att mertu tal-każ[10]. Min-naħa tiegħu, l-Prokuratur Legali Montanaro kien kategoriku li ma kienx hu li ta l-ġurament lill-imħarrek għaliex kieku kien jinqeda bit-timbru tiegħu biex jindika ħaġa bħal din[11], u dak it-timbru ma jidher imkien fit-Tweġiba mressqa;

Illi l-Qorti semgħet ukoll ix-xhieda tad-Deputat Reġistratur Anġelo Buttiġieġ li kien għadu ilu jaqdi d-dmirijiet fir-Reġistru tal-Qorti biss sa minn xi tliet (3) ġimgħat qabel ma tressqet it-Tweġiba mertu tal-każ u ma setax jiftakar xejn dwar jekk il-ġurament ingħatax minnu jew le[12]. Madankollu, għaraf u stqarr li t-timbru tal-preżentata tal-att sar minnu u jġib il-firma tiegħu;

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u>, il-Qorti tqis li mill-mod kif svolġew l-affarijiet, il-kwestjoni kollha hija waħda ta' kredibilita'. F'dan il-każ, minħabba l-preżunzjoni li att ġudizzjarju huwa xhieda ta' dak li juri[13], il-ħtieġa li jintwera li l-affarijiet ġraw mod ieħor minn dak li juri l-istess att ġudizzjarju taqa' fuq min jallega l-kuntrarju;

Illi f'materja ta' nullita' tal-atti – kwestjoni meqjusa bħala waħda odjuża għal finijiet ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja – kull nullita' għandha titqies dejjem bħala l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. In-nullita' tal-atti hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[14]. Att ġudizzjarju għandu jitqies null biss għal raġunijiet gravi u serji fil-limiti tad-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi. Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u mhumiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu lil xi waħda mill-partijiet f'kawża mezz biex teħles mill-obbligi tagħha jew biex tirbaħ il-ħin. Kull partikolarita' li l-liġi trid li tkun "essenzjali" f'att ġudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u irrimedjabilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi proċedurali hawn imsemmija[15];

[10] Xhieda tiegħu 7.10.2014, f'paġġ. 33 – 5 tal-proċess
[11] Xhieda tal-P.L. Edgar Montanaro 6.11.2014, f'paġ. 39 tal-proċess
[12] Xhieda tiegħu 6.11.2014, f;'paġġ. 41 – 4 tal-proċess
[13] Art. 627(e) tal-Kap 12
[14] App. Ċiv. **4.11.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Ċefai*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.467**)
[15] P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Medserv Operations Limited***

Illi huwa meqjus li d-Dikjarazzjoni ma’ Tweġiba Maħlufa hija ħaġa waħda mal-att li miegħu trid titressaq, b’mod li jekk dik id-Dikjarazzjoni ma tkunx inħalfet tkun qisha ma saret qatt, u daqstant ieħor ma tkunx tiswa t-Tweġiba Maħlufa li minnhom tagħmel parti[16];

Illi l-kwestjoni li l-Qorti sabet quddiemha tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(a)(ċ) u (d) tal-Kodiċi tal-Proċedura. L-għaref difensur tal-attur issottometta li l-att imressaq mill-imħarrek ma kienx inħalef u ressaq xhieda li tissuġġerixxi[17] li l-imħarrek lanqas biss kien f’Malta meta tressqet it-Tweġiba f’ismu;

Illi biex jirribatti din ix-xilja, l-imħarrek ressaq ix-xhieda li ssemmew aktar qabel biex juri li tassew li kien ħalef b’ġurament somministrat kif imiss l-att ġudizzjarju li tressaq minnu u fil-preżenza tiegħu. Semma wkoll provvediment mogħti dan l-aħħar minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fejn diġa’ ntwera li, f’minn tal-anqas każ ieħor, att ġudizzjarju maħluf ma kienx jixhed it-teħid tal-ġurament li kien ingħata[18];

Illi jidher li f’dan il-każ intwera tajjeb biżżejjed li fis-6 ta’ Frar, 2014, kien ġara l-istess ħaġa. Mit-tifsira li ngħatat mid-Deputat Reġistratur li minn idejh għadda l-att, dan jidher li kien każ fejn il-bdil tal-persuni li jintbagħtu jwettqu d-dmirijiet f’taqsimiet partikolari tal-Qorti ma jkunux għadhom tħarrġu biżżejjed biex, taħt il-pressjoni tax-xogħol li jkollhom iħabbtu wiċċhom miegħu, jagħrfu f’kull waqt jaraw li ma jsirux nuqqasijiet li jista’ jkollhom effetti serji fuq il-partijiet f’kawża. Il-Qorti ma tistax ma titħassibx ukoll li nuqqasijiet bħal dawn jafu jagħtu lok għal abbużi minn persuni li jinqdew b’dawn iċ-ċirkostanzi biex jimmanipolaw għall-finijiet tagħhom il-proċedura u t-tressiq xieraq ta’ atti ġudizzjarji;

Illi, madankollu, minħabba x-xhieda kategorika mogħtija f’dan il-każ, il-Qorti tħoss li saret il-prova fi grad tajjeb biżżejjed li dak inhar li tressqet it-Tweġiba mill-imħarrek, kien tassew ingħatalu l-ġurament u li dan il-fatt ma kienx reġistrat fuq l-att innifsu b’sempliċi żvista;

Illi għall-finijiet tal-*proviso* għall-artikolu 789(1) tal-Kodiċi Proċedurali u fid-dawl ta’ din il-fehma, jidher li l-imsemmi nuqqas virtwali jista’ jissewwa. F’dan il-każ, jidher li jista’ jgħodd ir-rimedju fejn, per eżempju, Dikjarazzjoni tħalliet tiżdied ma’ Nota tal-Eċċezzjonijiet li kienet tressqet irregolarment[19], u dan billi l-imħarrek sas-smigħ li jmiss, jitħalla

---

[16] Kumm. CS **4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)
[17] Xhieda ta’ Mario Anthony Vella 3.2.2015, f’paġ. 52 tal-proċess
[18] P.A. AF **30.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Żammit et vs Avukat Harry Vassallo noe et***
[19] Ara App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur Ġenerali tal-Edukazzjoni vs Arthur Briffa***

jikkonferma mill-ġdid b’ġurament tiegħu l-istess att ġudizzjarju jew iressaq dikjarazzjoni maħlufa f’dan is-sens;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Issib li** t-Tweġiba mressqa mill-imħarrek fis-6 ta’ Frar, 2014, kienet inħalfet u li dan il-fatt ma kienx ġie rilevat fil-ħin fuq l-imsemmi att bit-tqegħid tad-dikjarazzjoni timbrata li tixhed dan; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------